Fit-Tribunal Industrijali

Fil-Kwistjoni tax-xoghol
Numru 1697
bejn
Joseph Bezzina

-vs –
Bortex Clothing Industry Company Limited
Dwar tkeccija mill impjieg li hija ngusta.

## <u>Decizjoni Numru 1459</u>

Illum 12 ta' Dicembru 2003.

**<u>Chairman: Dr Joseph P Bonnici LL.D.</u>**

**<u>Introduzzjoni</u>**:

Illi bl-ittra datata 26 ta' Awissu 2002, l-appellant talab lill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghal Politika Socjali sabiex jirreferi l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal skond il-Kap 266, liema referenza saret b'ittra datata 28 ta' Awissu, 2002.

**<u>DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAZ</u>**

Illi l-appellant jallega li ma kienx jezizti kaz genwin ta' 'redundancy' izda sempliciment inghatat din l-iskuza biex jehilsu minnhu tant li l-post tieghu kien ghadhu jezizti u di fatti kien gie offrut lil subordinat tieghu.

Da parti taghha, is-socjeta' intimata tallega li minhabba nuqqas ta' xoghol, avolja esportaw parti mil-linja tal-produzzjoni fit-Tunezija, u wara ezercizzju ta' ristruturar, giet krejata 'redundancy' fil-grad okkupat mill-appellant.

**Fatti**

Illi l-fatti huma dawk li huma u ma gewx kontestati mill-appellant. L-istampa ndustrijali fil-kamp tat-tessili kif moghtija minn Lino Spiteri u Peter Borg hija wahda ferm preokkupanti. Kellhom jittiehdu passi remedjali drastici meta l-grupp gie rinfaccjat minn nuqqas ta' ordnijiet u kompetivita fis- swieq barranin gheluq ta' fabbrika, tkeccija ta' nies downgrading ghal ohrajn, sahansitra marru jifthu t-Tunezija, natural wastage li ma giex sostituit. L-appellant kien it-Tunezija u messet lilu ukoll.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi jibda biex jinghad illi l-kwalifika ta' grupp ta' kumpanija ma ssibx konfort fid-dritt industrijali lokali. Diment illi ma hux ridotta ghal xi forma skritta ta' assocjazzjoni ai termini tal-ligi tal-kumpaniji allura ma ghandhiex esistenza indipendenti ghallinqas minn dawk il-kumpaniji li suppost jikkomponuha. F'dan is-sens, il-kuntratt tax-xoghol iffirmat mal-Bortex Group of Companies huwa monk, pero' l-impjieg tal-appellant gie registrat mas-socjeta' intimata ghal finijiet ta' registrar u taxxa. Din il-prassi ghalkemm stranjiera sabet lok fil-kamp ekonomiku lokali ghalkemm provduta similarment.

Dak li qed jikkontendi l-appellant mhux il-fatt tac-cirkostanzi partikolari tal-kumpanija - rizultat 'redundancies' - izda la kellu jkun hu li jispicca u wisq anqas il-post tieghu.

Jirrizulta ampjament mix-xhieda prodotti mis-socjeta' intimata li l-post ta' Production Manager fl-impjant taghha fil-kumpanija ma giex abolit. Il-post baqa' hemm. Anzi minn min gie sostitwit kien ukoll jokkupa l-kariga ta' Production Manager mal-istess socjeta' intimata fl-impjant taghha hawn Malta. Gie stabbilit ukoll li l-kumpanija ma reditx tehles minnhu sabiex postu jittiehed minn xi subordinat tieghu. Dina kienet il-premura tal-appellant sia fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu u sia matul ix-xhieda minnhu moghtija 'viva voce'.

Gie stabbilit ukoll li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu saret ghal ragunijiet ekonomici u xejn aktar. Mhux hekk biss izda minn min gie sostitwit kien jokkupa l-istess post tieghu. Di fatti gie sostitwit minn persuna li kienet tokkupa l-istess grad ta' Production Manager fl-impjant tal-kumpanija hawn Malta.

Jibqa' li jigi trattat jekk dik il-persuna li hadet post l-appellant kenitx il-persuna idonea biex tissostitwih dment li naqsu l-postijiet disponibbli tax-xoghol, liema impjegat fil-grad tal-appellant kellu jispicca. Din hija l-korollari naturali tal-applikazzjoni tal-principju "last in first out".

Jirrizulta li kien hemm zewg (2) persuni ohra fl-istess grad tal-appellant - cioe' Joe Caruana u Angelo Magro - li gew impjegati fis-16 ta' Frar, 1987 u 6 ta' Jannar, 1997 rispettivament. Ex admissis, l-appellant gie impjegat fl-1 ta' Marzu, 2000. allura, kellu jkun l-odjern appellant li jitlef il-post tieghu. Veru li l-intiza originali kienet li jkun stazzjonat fit-Tunezija, pero' ma kien hemm xejn li jeskludi lis-socjeta' intimata milli tvarja l-post tax-xoghol sia lilu u sia lil Production Manager, kif effettivament sar.

Obiter, ghandu jinghad li dan il-kaz bi ftit aktar kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati seta ma wasalx sa dan l-istadju.

**Konkluzjoni**

Illi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jiddikjara li t-tkeccija tal-appellant minn mas-socjeta' intimata saret ghar-raguni guista.

B' hekk din il-kwistjoni giet definittivament terminata.

Ghal fini ta' tassazzjoni qed tigi ffissata s-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira (Lm25).

**(Iffirmat) AVV. JOSEPH P. BONNICI**

**Chairman**

**Vera Kopja**

**Vincent Micallef - Segretarju**